



Brussell, 28 ta' April 2023
(OR. en)

8894/23
ADD 7

Fajls Interistituzzjonal:

2023/0130(COD)
2023/0126(COD)
2023/0127(COD)
2023/0128(COD)

PI 56
PHARM 68
COMPET 385
MI 353
IND 207
IA 89
CODEC 748

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 27 ta' April 2023

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: SWD(2023) 119 final

Suġġett: DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokumenti Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iċ-ċertifikat supplimentari tal-protezzjoni għall-prodotti mediċinali (riformulazzjoni) u Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iċ-ċertifikat supplimentari għall-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti (riformulazzjoni) u Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iċ-ċertifikat supplimentari unitarju għall-prodotti mediċinali, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1001, ir-Regolament (KE) Nru 1901/2006 kif ukoll ir-Regolament (UE) Nru 608/2013 u Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iċ-ċertifikat supplimentari tal-protezzjoni unitarju għall-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument SWD(2023) 119 final.

Mehmuż: SWD(2023) 119 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.4.2023
SWD(2023) 119 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

Li jakkumpanja d-dokumenti

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iċ-ċertifikat
supplimentari tal-protezzjoni għall-prodotti mediċinali (riformulazzjoni)**
u

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iċ-ċertifikat
supplimentari għall-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti (riformulazzjoni)**
u

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iċ-ċertifikat
supplimentari unitarju għall-prodotti mediċinali, u li jemenda r-Regolament (UE)
2017/1001, ir-Regolament (KE) Nru 1901/2006 kif ukoll ir-Regolament (UE) Nru
608/2013**
u

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iċ-ċertifikat
supplimentari tal-protezzjoni unitarju għall-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti**

{COM(2023) 221 final} - {SEC(2023) 172 final} - {SWD(2023) 117 final} -
{SWD(2023) 118 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiw

Valutazzjoni tal-impatt dwar riforma tar-reġim taċ-ċertifikati ta' protezzjoni supplimentari (ĊPS) tal-UE, inkluża proposta għal Regolament li joħloq proċedura għall-eżami ċentralizzat tal-applikazzjonijiet taċ-ĊPS, u proposta għal Regolament li joħloq ĊPS unitarju.

A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

Għaliex? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?

Iċ-ċertifikati ta' protezzjoni supplimentari (ĊPS) huma drittijiet spċifici ta' proprjetà intellettuali (PI) li jestendu b'sa 5 snin it-terminu ta' 20 sena tal-privattivi relatati ma' prodotti mediciinali jew ta' protezzjoni tal-pjanti (PPP).

Dawn għandhom l-għan li jikkumpensaw għat-telf ta' protezzjoni effettiva tal-privattivi minħabba l-it-testjar obbligatorju u twil meħtieġ fl-UE biex tinkiseb awtorizzazzjoni regolatorja għat-tqegħid fis-suq għal dawn il-prodotti.

Il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE hija:

- ir-Regolament (KE) 469/2009 dwar iċ-ĊPS għall-mediċinali
- ir-Regolament (KE) Nru 1610/96 dwar iċ-ĊPS għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

Ġew ippreżentati bejn 25 u 81 applikazzjoni taċ-ĊPS kull sena għal kull pajjiż tal-UE, u mill-1993 ingħataw aktar minn 26 000 ĊPS nazzjonali. Id-durata medja tal-protezzjoni taċ-ĊPS hija stmata għal 3,5 snin.

Il-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Proprjetà Intellettuali ta' Novembru 2020 (COM(2020)760 final), li jibni fuq l-evalwazzjoni taċ-ĊPS (SWD(2020) 292 final), enfasizza l-ħtieġa li tiġi indirizzata l-frammentazzjoni li fadal fis-sistema tal-PI tal-UE, li twassal għal proċeduri kumplessi u għaljin.

Il-pjan ħa nota li għall-prodotti mediciinali u għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, il-protezzjoni taċ-ĊPS hija disponibbli biss fil-livell nazzjonali. Fl-istess ħin, hemm proċedura unika għall-għoti ta' privattivi Ewropej, kif ukoll sett uniku ta' regoli għall-kisba ta' awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni.

Bl-istess mod, l-Istratgeġja Farmaċewtika għall-Ewropa (COM(2020)761 final) enfasizzat l-importanza tal-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp biex jiġu pprovduti mediċini innovattivi, filwaqt li enfasizzat li d-differenzi bejn il-pajjiżi tal-UE fl-implementazzjoni tar-reġimi tal-PI, spċċjalment għaċ-ĊPS, iwasslu għal duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi. Dawn jaffettwaw il-kompetittività tal-industrija tal-farmaċewtika. Kemm il-Kunsill tal-UE kif ukoll¹ il-Parlament Ewropew² talbu lill-Kummissjoni biex tikkoreġi dawn in-nuqqasijiet.

Ta' importanza partikolari għal din il-valutazzjoni tal-impatt hija s-sistema ta' privattiva unitarja (PU) li hija mistennija li tidħol fis-seħħ fl-2023. Din se tippermetti privattiva unika li tkopri l-pajjiżi parteċipanti kollha tal-UE b'mod unitarju. Flimkien magħha, il-Qorti l-ġdidha Unifikata tal-Privattivi se tippermetti litigazzjoni ċentralizzata għall-pajjiżi parteċipanti. Madankollu, mingħajr din l-inizjattiva ta' politika għaċ-ĊPS, ma jkunx hemm ĊPS unitarju

¹ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-politika tal-PI tal-10 ta' Novembru 2020
<https://www.consilium.europa.eu/media/46671/st-12750-2020-init.pdf>

² Il-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Affarijiet legali, Rapport dwar pjan ta' azzjoni għall-proprietà intellettuali b'sostenn għall-irkupru u r-reżiljenza tal-UE (2021/2007(INI)),
https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/A-9-2021-0284_MT.html

korrispondenti li jakkumpanja (jestendi) l-privattivi unitarji.

Il-problemi ewlenin li din l-inizjattiva għandha l-għan li tindirizza huma:

1. inċertezza legali dwar l-istatus taċ-ĊPS,
2. il-monitoraġġ ikkumplikat taċ-ĊPS,
3. il-kost u l-piż tat-tifx u ż-żamma tal-protezzjoni taċ-ĊPS fl-UE.

Sabiex jiksbu protezzjoni taċ-ĊPS fl-UE kollha għat-terminu massimu ta' 5 snin, l-applikanti jeħtieġ li jikkonformaw ma' 27 proċedura differenti fl-uffiċċi nazzjonali tal-privattivi u jħallsu diversi tariffi nazzjonali ta' applikazzjoni u manutenzjoni li jammontaw għal EUR 192 000.

Minħabba dawn il-prattiki diverġenti ta' għoti fil-livell nazzjonali, l-eżitu tal-proċeduri nazzjonali ma huwiex ċert, inkluż nuqqas ta' uniformità kemm fit-tul kif ukoll fl-eżitu tal-eżami. Storikament madwar kwart tal-applikazzjonijiet relatati mal-istess prodott irriżultaw f'deċiżjonijiet differenti.

Produtturi ġeneriċi u bijosimili, kif ukoll xerrejja pubbliċi fis-settur tal-kura tas-saħħa, jiffaċċaw diffikultajiet fl-aċċertar tal-istatus tal-protezzjoni taċ-ĊPS fi żmien xieraq. Għall-produtturi, dan jiġi jekk it-tnejha tħalli minn-nazzjonali, kif ukoll li jiġi ġeneriċi jew bijosimili kompetituri, jew il-parteċipazzjoni tagħhom f'offerti għax-xiri ta' medicieni.

Għall-awtoritajiet nazzjonali, dan joħloq problemi fl-akkwist ta' medicieni, speċjalment b'mod konġunt ma' pajjiżi oħra tal-UE.

X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?

L-objettiv ġenerali tal-miżuri ta' politika proposti huwa li tittejjeb id-disponibbiltà ta' (i) prodotti mediciinali ġodda għall-pazjenti tal-UE u (ii) prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għall-agrikoltura, kif ukoll li jiġi inċentivati d-ditti biex jiżviluppaw dawk il-prodotti fl-UE.

B'rabta mal-objettivi ġenerali u l-problemi identifikati aktar kmieni, ġew iddefiniti tliet objettivi speċifiċi:

- (1) Tiżdied il-prevedibbiltà u c-ċertezza legali tal-protezzjoni taċ-ĊPS fl-UE. Dan l-objettiv speċifiku jiġi jinkiseb permezz: i) tal-iffaċilitar ta' proċeduri sostantivi ta' eżami; (ii) tal-iffaċilitar tal-involviment ta' partijiet terzi affettwati; (iii) tal-iffaċilitar tal-proċeduri tal-ghotxi.
- (2) Jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ taċ-ĊPS fis-suq uniku, preferibbilm billi jiġi offrut punt uniku ta' aċċess għal informazzjoni dwar l-istatus taċ-ĊPS fl-UE (eż. jekk ġewx ippreżentati, mogħtija, irrifutati, invalidati, irrinunzjati jew irtirati), kif ukoll aċċess għal *data* strutturata dwar is-suġġett.
- (3) Jitnaqqsu l-kostijiet u l-piż tat-tifx u ż-żamma tal-protezzjoni taċ-ĊPS, billi jiġi investigat it-naqqis possibbli fil-kosijiet amministrattivi; jitjieb l-aċċess għall-proċeduri għall-partijiet ikkonċernati kollha, speċjalment għad-ditti żgħar u ta' daqs medju.

X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?

Azzjoni fil-livell tal-UE żżid l-integrità tas-suq uniku billi tipprovd għal sistema taċ-ĊPS unitarja/ċentralizzata, ibbilanċjata u trasparenti fl-UE, u ttaffi l-konsegwenzi negattivi li jiffaċċaw l-applikanti bħala riżultat tal-proċeduri diverġenti.

Għalhekk, l-azzjoni fil-livell tal-UE hija ġġustifikata wkoll biex jiġi żgurat il-funzjonament bla' xkiel tas-suq uniku għal prodotti innovattivi li huma soġġetti għal awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq, u biex il-benefiċċi ta' qafas effiċċjenzi tal-proprietà industrijali jiġi sfruttati fis-swieq tal-prodotti rilevanti.

B. Soluzzjonijiet

X'għażiet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?

- Għażla 0: **L-ebda bidla fil-politika** (xenarju bażi).
- Għażla 1: **Linji gwida għall-applikazzjoni tar-reġimi attwali taċ-ĊPS.** Dan jagħti lill-uffiċċijni nazzjonali tal-privattivi linji gwida/rakkomandazzjonijiet komuni għall-applikazzjoni tar-Regolament eżistenti taċ-ĊPS, filwaqt li jibni fuq l-esperjenza tagħhom u l-ġurisprudenza mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE. Linji gwida bħal dawn jirrakkomandaw ukoll regoli komuni għall-pubblikazzjoni ta' informazzjoni taċ-ĊPS fir-reġistri nazzjonali u jiżguraw li din tkun aċċessibbli.
- Għażla 2: **Rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet nazzjonali.** Dan jippermetti lill-applikanti taċ-ĊPS jippreżentaw applikazzjoni taċ-ĊPS ma' uffiċċju nazzjonali tal-privattivi maħtur – l-“uffiċċju ta’ referenza” – li d-deċiżjoni tiegħu tkun rikonoxxuta mill-uffiċċi nazzjonali l-oħrajn kollha tal-privattivi.
- Għażla 3: **Il-preżentazzjoni u l-eżami ċentralizzati tal-applikazzjonijiet taċ-ĊPS li jirriżultaw f’opinjoni mhux vinkolanti.** Dan joħloq awtorità ċentrali għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet taċ-ĊPS fl-UE, li teżamina l-applikazzjonijiet u toħroġ opinjoni dwar jekk tagħix CPS jew le. L-uffiċċijni nazzjonali tal-privattivi jkunu liberi li jew isegwu din l-opinjoni jew iwettqu l-eżami tagħhom stess. Għalhekk, id-deċiżjoni dwar l-għoti tal-protezzjoni taċ-ĊPS tinżamm fil-livell nazzjonali. Huma biss id-detenturi ta’ privattiva Ewropea – u, għall-prodotti mediciinali, awtorizzazzjoni ċentralizzata għall-kummerċjalizzazzjoni – li jistgħu jibbenfikaw minn din is-sistema.
- Għażla 4: **Il-preżentazzjoni u l-eżami ċentralizzati tal-applikazzjonijiet taċ-ĊPS, li jirriżultaw f’opinjoni vinkolanti.** Din hija identika għall-ġhażla 3, iżda l-uffiċċijni nazzjonali tal-privattivi jkollhom isegwu l-opinjoni. Għalhekk, filwaqt li d-deċiżjonijiet dwar l-għoti tal-protezzjoni taċ-ĊPS xorta jittieħdu mill-uffiċċijni nazzjonali, l-eżitu ta’ dawn id-deċiżjonijiet jiġi ddeterminat minn awtorità ċentrali.
- Għażla 5: **“ĊPS unitarju” li jikkomplementa l-privattiva unitarja.** L-awtorità ċentrali, minbarra li teżamina l-applikazzjonijiet, tagħti l-hekk imsejjaħ “ĊPS unitarju” lill-applikanti li jkollhom privattiva Ewropea b'effett unitarju. Iċ-ĊPS unitarju jkun validu biss fit-territorju tal-pajjiżi tal-UE (bħalissa 17) li jipparteċipaw fis-sistema tal-PU.

L-ġħażliet 2 sa 5 jippermettu lil partijiet terzi (eż. produtturi ġeneriċi fis-setturi farmaċewtiċi jew agrokimiċi, kif ukoll xerrejja pubbliċi fis-settur tal-kura tas-saħħa) jinfluwenzaw il-proċess ta’ eżami taċ-ĊPS permezz ta’ osservazzjonijiet bil-miktub.

Kwalunkwe lingwa tal-UE tista’ tintuża għall-preżentazzjoni (elettronika) tal-applikazzjonijiet u tal-osservazzjonijiet. Bl-istess mod, l-eżitu tal-eżami ċentralizzat taċ-ĊPS jiġi ppubblikat fillingwi kollha f’bażi tad-data unika (għażliet minn 3 sa 5) u li jista’ jsir tiftix fiha.

Meta istituzzjoni tingħata responsabbiltajiet taċ-ĊPS, jiġu kkunsidrati l-kandidati li ġejjin: l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi, l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-UE, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediciċini u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel.

L-ġħażliet ikkunsidrati ma jissostitwux iċ-ĊPS nazzjonali, iżda pjuttost jipprovdu għal rott alternattiva għall-kisba tal-protezzjoni taċ-ĊPS madwar l-UE.

L-ġħażla ppreferuta hija tħalliha tal-ġħażliet 4 u 5.

Dan jipprovdi għal proċedura ċentralizzata li tirriżulta fl-għoti ta’ ĊPS nazzjonali f’xi pajjiżi

tal-UE jew f'kollha u/jew ĆCPS unitarju (li jkopri dawk il-pajjiżi tal-UE li fihom għandha effett il-privattiva unitarja bażika).

Huwa propost li l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-UE (EUIPO) isir l-awtorità ċentrali tal-eżami.

Liema għażla u min jappoġġaha?

It-tħalita tal-għażliet 4 u 5 tqieset li toffri l-aktar approċċ ibbilanċjat u proporzjonat, filwaqt li tqiesu wkoll il-fehmiet u t-tħassib tal-partijiet ikkonċernati.

Fir-rigward tal-għażliet stabbiliti fis-sejħa għall-evidenza, kien hemm appoġġ ġenerali għal inizjattiva tal-UE li tkun tinkludi taħħlita taċ-ĆCPS unitarju u proċedura ċentralizzata ta' għot. Għalkemm il-proċeduri nazzjonali xorta għandhom jeżistu flimkien magħħom.

Xi partijiet ikkonċernati kienu tal-fehma li mekkaniżmu ta' għoti uniku waħdu jista' ma jkunx suffiċċenti biex jiġi indirizzati l-problemi identifikati. Ir-rispondenti enfasizzaw ukoll il-ħtieġa li s-sistema tkun trasparenti.

B'mod partikolari, xi partijiet ikkonċernati enfasizzaw li kien hemm bżonn ta' sistema bbilanċjata u li l-inizjattiva ma għandhiex tbiddel il-bilanċ attwali bejn il-ġeneriċi u l-oriġinaturi.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inħuma l-benefiċċċi tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inħuma dawk ewlenin)?

L-għażla ppreferuta tindirizza t-tliet problemi identifikati (jiġifieri kostijiet għoljin u piż tat-tiftilix u ż-żamma tal-protezzjoni taċ-ĆCPS, inċertezza legali u monitoraġġ ikkumplikat taċ-ĆCPS).

Din:

- i) Iżżid il-prevedibbiltà u c-ċertezza legali fis-suq uniku rigward il-protezzjoni taċ-ĆCPS, billi telmina l-possibbiltà ta' deċiżjonijiet nazzjonali diverġenti dwar il-protezzjoni taċ-ĆCPS madwar l-UE. Dan jinkiseb permezz ta' protezzjoni unitarja taċ-ĆCPS għall-pajjiżi tal-UE li jipparteċipaw fis-sistema tal-PU u permezz ta' opinjoni vinkolanti mill-awtorità tal-eżami dwar il-validità taċ-ĆCPS fil-pajjiżi tal-UE mhux parteċipanti;
- ii) Tnaqqas b'mod sinifikanti l-kost tal-monitoraġġ tal-protezzjoni taċ-ĆCPS madwar l-UE u għalhekk tagħti spinta lit-trasparenza, peress li din l-informazzjoni tkun disponibbli għall-pubbliku permezz ta' punt ta' aċċess uniku (sit web b'funzjonijiet ta' tiftix).
- iii) Tnaqqas b'mod sinifikanti l-kost u l-piż tat-tiftilix tal-protezzjoni taċ-ĆCPS fl-UE, peress li tissimplifika l-proċedura taċ-ĆCPS u tnaqqas il-kost attwali ġġenerat bit-tnedija ta' sa' 27 proċedura nazzjonali taċ-ĆCPS.

Pereżempju, ĆCPS ta' 5 snin protett madwar l-UE jiswa 55 % inqas milli fix-xenarju bażi, u jipproduċi ffrankar ta' madwar EUR 137 000 għal kull applikant.

Il-biċċa l-kbira tal-iffrankar jirriżulta miċ-ĆCPS unitarju, peress li d-ditti jevitaw li jkollhom iħallsu tariffi ta' tiġidid kull sena għall-protezzjoni tal-privattiva unitarja f'kull wieħed mill-pajjiżi parteċipanti tal-UE (bħalissa 17).

Barra minn hekk, l-opportunità li jiġi involut aġġent/avukat uniku tal-privattivi biex jippreżenta u jinvestiga applikazzjoni waħda taċ-ĆCPS twassal ukoll għal tfaddil, meta mqabbla mal-ħtieġa attwali li potenzjalment jiġi involuti sa' 27 aġġent/avukati tal-privattivi.

Tabella 1. Kostijiet u ffrankar għall-applikanti biex jirċievu protezzjoni taċ-ĆCPS ta' ħames (5) snin madwar l-

EU27 (għażiell 4+5)

	EUR għal kull applikant	Iffrankar meta mqabbel mal-linja bażi
Tariffi tal-preżentazzjoni	38 800	-30 000
Tariffi tal-manutenzjoni għal ġumes (5) snin	71 900	111 100
Kostijiet tat-traduzzjoni	0	4 000
Tariffi tal-ġġer/avukat	2 000	52 000
Total	112 700	137 100

Sors: Stimi interni, numri mqarrba għal mijiet.

X'inhuma l-kostijiet tal-ġħażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

Jista' jiġi sostnut li sistema taċ-ĊPS aktar effiċċenti u koerenti tista', indirettament, taffettwa b'mod negattiv l-aċċess għal ekwivalenti ġeneriċi jew bijosimili inqas għal-jin. Abbażi ta' *data storika*, in-nefqa addizzjonali stmatha għas-sistemi tal-kura tas-sahħha matul il-perjodu addizzjonali ta' protezzjoni tista' tilħaq sa 0,48 % fil-Latvja, filwaqt li tkun neglīgħibbi għal ħafna pajjiżi oħra (eż. il-Lussemburgu, il-Belġju, u l-Italja).

Id-dħul mit-tariffi tal-applikazzjoni u tal-manutenzjoni li jista' jintilef mill-uffiċċċi nazzjonali tal-privattivi (peress li xi ĊPS mhux se jibqgħu jiġu sottomessi permezz tar-rotta nazzjonali) huwa stmat sa 0,4 % tal-baġits tagħhom – iżda l-kostijiet operatorji tagħhom jistgħu jitnaqqsu wkoll.

L-avukati li jirrappreżentaw lill-klijenti quddiem l-uffiċċċi nazzjonali tal-privattivi jistgħu jaraw id-dħul tagħhom jonqos b'madwar EUR 2 000 għal kull każ, bit-telf ġenerali skont l-għadd ta' pajjiżi tal-UE fejn jintgħażel iċ-ĊPS ċentralizzat minnflokk ir-rotta nazzjonali.

Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?

Ditti żgħar u ta' daqs medju huma mistennija li jibbenefikaw minn tariffi aktar baxxi għall-applikazzjoni u l-manutenzjoni taċ-ĊPS (sa 55 % orħos), li, flimkien ma' ffrankar ieħor (avukati, traduzzjonijiet, eċċ.), ikunu jammontaw għal madwar EUR 137 000 għal kull applikant għal prodott partikolari.

Ditti ġeneriċi u bijosimili iż-ġħar għandhom jibbenefikaw ukoll minn aċċess aktar faċli għall-informazzjoni taċ-ĊPS, u dan jippermetti monitoraġġ aħjar tas-suq u ppjanar aħjar tan-negozju (li mistennija jaffettaw madwar 300 ditta kull sena, b'iffrankar sa EUR 40 000 għal kull ditta).

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Għall-pajjiżi tal-UE li jippartcipaw fis-sistema tal-PU – minbarra Malta (id-data ma hijiex disponibbli) – l-infiq addizzjonali totali tal-baġit għas-sahħha jammonta għal EUR 37 miljun fis-sena.

Jekk il-kost ta' hawn fuq għall-baġits pubbliċi tal-kura tas-sahħha jiġi investit mill-ġdid fir-riċerka u l-iżvilupp minn kumpaniji innovattivi, l-ġhażla tipproduċi riżultat newtrali fir-rigward tal-kostijiet.

It-telf ta' dħul possibbli mill-uffiċċċi nazzjonali tal-privattivi (massimu ta' EUR 0,5 miljun għal kull pajjiż tal-UE) huwa l-konsegwenza tal-iffrankar tal-applikanti, jiddependi mid-domanda għaċ-ĊPS unitarju/ċentralizzat u se jiġi kkumpensat l-aktar minn tnaqqis fl-ammont ta' xogħol.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħrajn?

Ma huwa mistenni l-ebda impatt ieħor sinifikanti.

D. Segwitu**Meta se tiġi rieżaminata l-politika?**

L-ewwel rapport ta' evalwazzjoni għandu jitlesta ġħumes (5) snin wara d-dħul fis-seħħħ tal-ewwel CPS mogħti permezz tal-proċedura ċentrali l-ġdida.